# TEATRU MANOEL

1732

1201
~~1301~~

# IL-VALLETTA DRAMATIC COMPANY

tippreżenta

# SCUGNIZZA

operetta ta'
**Carlo Lombardo u Mario Costa**

addattata għall-Malti minn
**Joe Brincat**

Arranġamenti mużikali
**Twanny Chircop**

Direttur tal-orkestra
**Archibald Mizzi**

Direzzjoni
**George Micallef**

**Fit-Teatru Manoel**

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar 1989, fis-7.30 p.m.**
**Is-Sibt, 14 ta' Jannar 1989, fis-7.30 p.m.**
**Il-Ħadd, 15 ta' Jannar 1989, fis-2.30 p.m.**
**Il-Ħadd, 15 ta' Jannar 1989, fis-6.30 p.m.**

# SCUGNIZZA

***Persunaġġi (fl-ordni li jidhru):***

| | |
|---|---|
| Gaby Gutter | **Mary Galea** |
| Toby Gutter | **Joe Attard** |
| Maria Grazzia | **Vitorin Galea** |
| Chic | **George Micallef** |
| Totò | **Robert Scalpello** |
| Salomè | **Carmen Vella** |

**Membri tal-kor:**
Josephine Falzon, John Midolo, Chiara Felice, Jeanine Attard, Arthur Micallef, Simon Attard, John Portelli, Mary Bugeja, John R. Gatt, Mary Zammit u Charmaine Cortis.

**Iż-Żeffiena tal-YADA:**
Doreen Fenech, Ruth Falzon, Heidi Falzon, Christine Zammit, Eleanor Sammut, Manorita Stafrace.

**Korjografija:**
Doreen Fenech

Id-Direzzjoni tal-**Valletta Dramatic Company** tirringrazzja għall-għajnuna tagħhom f'din il-produzzjoni lil:

Cafè Premier, O. & V. Photographic, Paris Store, Neriku Confectionery, Manoel Cafe, Direttur ta' l-Istitut Kattoliku, Il-Mitħna (B'Kara), Charles Micallef, Swimming Pool's Ltd., (B'Kara), Jolly Furniture & Furnishings, Lija, Muscat Flora, St. Venera u l-Kumitat tat-Teatru Manoel.

## *Għall-Valletta Dramatic Company*

| | |
|---|---|
| Direttur tal-Palk | **Joe Brincat** |
| Assistenti | **Charles Mangion, Lino Micallef, Antoine Portelli** |
| Set | **Antoine Portelli** |
| Irtokk (irġiel) | **Charles Busuttil** |
| Irtokk (nisa) | **Lina Galea Cumbo** |
| Kostumi | **Carmen Micallef, Mary Attard, Helen Micallef, Reno's Tailor, Elise Micallef** |
| Pubbliċità | **George Micallef** |
| Disinn poster u P.R.O. | **Joe Brincat** |
| Props | **Antoine Portelli** |

## *Għat-Teatru Manoel*

| | |
|---|---|
| Booking Clerk | **Michelle Muscat** |
| Dwal | **Vanni Laus** |
| Mastrudaxxi | **Emmanuel Dalli, Francis Mifsud** |

## *Il-membri ta' l-Orkestra*

| | |
|---|---|
| Vjolini | **George Spiteri** *(Prim)* **Marceline Agius, Mario Frendo, Victor Micallef, Stephen Galea, Mario Micallef** |
| Vjoli | **Raymond Abela, Anne Marie Chetcuti** |
| Vjolinċell | **Mario Psaila** |
| Kuntrabaxx | **Lino Cremona** |
| Pjanu | **Lino Cauchi** |
| Flawt | **Joe Corrado** |
| Klarinett | **Mario Felice** |
| Tromba | **Carmel Busuttil** |
| Perkussjoni | **John Fenech, Joe Micallef** |



**GEORGE MICALLEF**
*Komiku*



**CARMEN VELLA**
*Soubrette*



**ROBERT SCALPELLO**
*Tenur*



**MARY GALEA**
*Sopran*



**JOE ATTARD**
*Attur*



**VITORIN GALEA**
*Attriċi*

# L-Operetta? X'hemm f'Isem?

L-Operetta.

Kelma li saret rari. Nies li għalihom tfisser tpaxximent b'għors mużikali sħiħ kienu għadhom trabi meta l-kelma kienet *in voga*. Oħrajn li jitnaffru w ikemmxu xufftejhom dlonk jisimgħu biha jinsabu kuntenti li l-kelma ntilfet fil-limbu teatrali.

Imma qisu kulħadd mar żmerċ. L-operetta għadha ħajja w mimlija bl-għomor. Mhux biss tindaqq, titkanta w titgawda imma anki għadha tinkiteb u żżid fil-popolarità.

Iva taħt isem ieħor. Illum tissejjaħ il-*musical*. X'hemm f'isem? iwiddibna l-imgħallem.

Min jaħseb li l-*musical* modern hu xi ħaġa ġdida ta' żminijietna jagħmel hekk x'aktarx għax irid jimbotta l-operetta fuq l-aħħar skaluna tas-sellum teatrali. Minnu li hemm differenzi bejn Gilbert u Sullivan, Franz Lehar, Sigmund Romberg u Timothy Rice; jew l-*H.M.S. Pinafore, La Vedova Allegra, The Desert Song* u l-*Phantom of the Opera*. Daqs kemm hemm differenzi fit-trasport jew fl-arkitettura tal-1879, tal-1907, il-1926 u l-1988!

Għax l-operetta m'għamlitx bħad-dodo jew id-dinosawr. Għarrfet tiġġedded u timxi maż-żminijiet. It-twiddiba ta' *x'hemm f'isem?* tgħallmitha u mill-opera bouffe evolviet għall-opra komika, il-kummiedja mużikali, l-opera folk, ir-rumanż mużikali sa ma llum waslet f'il-*musical*. Naturalment dejjem skond x'jgħodd u x'jaqbel lill-impresarju skond iċ-ċirkustanzi ta' ħin u spazju.

F'nofs is-seklu dsatax kompożituri bħal Isouard, Lehar, Strauss, Offenbach u oħrajn kien diġà irnexxielhom idawru l-opra f'xogħol aktar ħafif u mexxej mingħajr l-iċken ħjiel ta' drammatiċità. Fl-1871 Offenbach illi kien jinsab għaddej ħarir b'xogħolijiet bħal *La Vie Parisienne, La Belle Hélène* u *Orphée aux Enfers* fettillu jaċċetta li *The Princess of Trébizonde* titla' fi New York bl-Ingliż. Għall-ewwel darba d-*double entendres* beda jinstema' bħala d-*doppju sens!* U nefħu l-irwiefen u qamu l-maltempati għax kif dejjem uriet l-esperjenza dak li jingħad b'ilsien barrani jintiegħem ħelu w gustus; waqt li b'ilsien b'ommok jinħass kemmxejn żorr! Tant tqanqlu kurrenti dak in-nhar kontra l-operetta illi lanqas il-miġja ta' Gilbert u Sullivan, ħames snin wara, ma naddfet kompletament it-tbajja' li tħallew.

Imma l-operetta biddlet il-libsa u fil-bidu tas-seklu dsatax l-operetta/kummiedja mużikali bdiet dejjem aktar temfasizza fuq id-danza u tagħfas fuq l-element komiku waqt li bdiet tnaqqas, mill-importanza ta' l-element romantiku. Romberg, Gershwin, Rodgers u Hart, imbagħad Hammerstein, Porter, Berlin, Jerome Kern.....issemmi biss l-ismijiet, ukoll jaħkmek ir-ritmu, u t-tektik tat-*typewriter* jibda jassumi bħal ċertu *beat.*

Sadanittant fl-Ewropa kompożituri bħal Weill, Eichberg, Loesser u oħrajn ittieħdu mir-ritmu frenetiku illi kien qed ikun adottat fuq il-palk Amerikan. Ma damux ma rrejalizzaw illi fejn jidħol il-*musical* it-toroq kollha jwasslu għal Broadway.

U fuq Broadway u madwaru l-iżvilupp baqà dejjem sejjer. Fl-1943 Rodgers u Hammerstein faqqgħu l-*Oklahoma* bit-tikketta ta' *folk operetta.* Għall-ewwel darba il-komiċita kienet twarrbet għal kollox. Kienet differenti u fl-istess ħin kollox kien baqà l-istess. Imma issa l-kompożituri u l-librettisti bħal intebħu illi l-ispettaklu mużikali kien joffri mogħdijiet ġodda li setgħu ikunu esplorati bil-libertà kollha. *West Side Story* imbagħad, fl-1957, integrat il-kant, iż-żfin u t-test bl-aktar mod sħiħ u affjetat. Madankollu xorta baqgħu jinkitbu musicals bħal *My Fair Lady* illi jħarsu lura b'nostalġija lejn l-operetta bikrija.

Intant illum l-operetta/musical għadu jiskopri oriżżonti ġodda. Kultant anki suġġetti illi bl-ebda mod ma jolqtuk bħala adatti għal dan il-ġeneru mużikali, bħall-*Phantom of the Opera* u *Who's afraid of Virginia Woolf.* Anki dan ma tantx hu oriġinali għax anki fil-ħamsinijiet Cole Porter kien irranġa *The Taming of the Shrew* bl-isem ta *Kiss me Kate!* Min jaf għadx naraw il-*King Lear* f'xi verżjoni mużikali bl-isem ta' *Oh my papa!*

**tcd**







CIN CI LÀ 1987








IL PAESE DEI CAMPANELLI 1988

The Manoel Theatre Management Committee wishes to thank the following concerns for their kind co-operation.

ALITALIA
ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD
AUSTRIAN AIRLINES
AUTO SALES LTD. (KIND'S)
B.P.C. INTERNATIONAL LIMITED
FESTA LIMITED
HOLIDAY INN, TIGNE
LOMBARD BANK (MALTA) LTD.
MID-MED BANK LIMITED
NSTS STUDENTS & YOUTH TRAVEL
SIMONDS FARSONS CISK LTD.
SUNCREST HOTEL, QAWRA